


# Is-Sur Luigi Muscat
## *Skultur Balzani*



kitba ta' Anton Camilleri

Kull raħal jista' jiftaħar li f'xi żmien jew ieħor kellu persuni li b'xogħolhom, għamlu isem sew għalihom infushom kif ukoll għal raħalhom. Iżda ż-żmien għandu ħabta jnessi, u xogħolhom biss jibqa' xhieda tagħhom. Wiġi Muscat hu wieħed minnhom.

Ftit hu magħruf fuqu, għalkemm nies ta' żmienu jgħidulna li kien wieħed mill-aħjar artisti Maltin li ħadem xogħol irfinut fil-ġebla Maltija, ħasra li ismu ntilef mal-medda taż-żmien. Għalhekk, xieraq li b'kitbieti nitfa' ftit dawl fuq ħajtu u xogħlijietu waqt li nagħmel suġġeriment lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, biex tissemma triq għalih. Xieraq li ismu jibqa' marbut mal-lokalità, minn fejn ħarġu diversi xogħlijiet sbieħ għat-triqat Maltin, li barra li huma ta' devozzjoni qed isebbħu l-ambjent Malti.

Wiġi Muscat magħruf bħala *Ta' l-Iskultur*, twieled fl-1892, iben Valent, mgħallem fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet tal-Gvern, u Ommu Elena. Meta kiber u dawn raw lit-tfajjel miġbud għad-disinn, bagħtuh jistudja għal ftit mal-Pittur Ġużeppi Calì fejn ħa lezzjonijiet tad-disinn. Wara kompla jitħarreġ fl-iskultura ma' Skultur Rabti ċertu Ġużeppi li kienu jgħidulu *Lavarija*.[1]

Maż-żmien Wiġi beda jaħdem għal rasu, ġo remissa fi Triq il-Kbira. Kien ikun dejjem bil-bieb miftuħ beraħ, jaħdem bla ma jħabbel rasu min-nies li kienu jieqfu jarawh, xi ħaġa li mhux kull artist kien jagħmel. Skond l-artist Rafel Bonnici Calì, Muscat "kien dejjem mehdi fix-xogħol, jaħdem tajjeb imma kburi bl-arti tiegħu, bniedem ta' għalih waħdu u miskin int jekk tmerih għax jieħu għalih."[2] Kien bniedem ta' ftit kliem, iżda meta kien jara lil min jinteressa ruħu kien jitbissem u jgħidlu li x-xogħol li jkollu f'idejh kien dalwaqt ikun lest.[3] Nies oħra jgħidu li kien "mgħallem gwapp, ...ta' imġiba tajba, umli kif ukoll ta' karattru reliġjuż."[4] Ir-reliġjożità tiegħu tidher mid-drawwa li kellu, li meta kien ikun qed jiskolpixxi xi statwa kien jgħid ġjakolatorja. Eżempju, jekk kien ikun jiskolpixxi xi statwa tal-Qalb ta' Ġesù kien jgħid "Qalb ta' Ġesù jiena nafda fik."[5]



*Fuq il-lemin tar-ritratt jidher l-iskultur Balzani Wiġi Muscat. Huwa jiġi z-ziju tar-rispett tar-Rev. Dun Spir Sammut. Ritratt misluf lilna mis-Sur Aldo Sammut.*

Għall-bidu tal-karriera tiegħu kien għamel biss skultura ornamentali fil-ġebel u kultant xi statwa. Iżjed tard beda jaħdem statwi biss, l-aktar dawk profani biex iżejnu l-ġonna privati ta' nies għonja. Maż-żmien qaleb għal statwi sagri. F'dan ix-xogħol irnexxa sewwa, tant li ma kienx ilaħħaq max-xogħol li kellu. Minn idejh ħarġu bosta statwi profani l-ġmiel tagħhom, iżda li ftit huma dawk esposti għall-pubbliku. M'hemmx dubju



*In-niċċa ta' l-istatwa tal-Madonna ta' l-Abbandunati li tinsab mal-villa tal-Konti Manduca (illum l-Ambaxxata Spanjola għal Malta). Din in-niċċa tinsab fi Triq Sisner kantuniera ma' Triq San Valentino. Din l-istatwa hija waħda mill-isbaħ xogħlijiet ta' l-iskultur Balzani Wiġi Muscat.*

li l-akbar numru ta' statwi li għamel kienu dawk sagri, li jinsabu f'niċeċ fit-toroq Maltin u fil-knejjes. Statwi sbieħ u artistiċi sew għall-qagħda ħelwa tagħhom, għall-uċuh devoti u l-ilbies naturali, xi ħaġa li għaliha kien imfaħħar ħafna.[6] Minn dawn l-aktar li ħadem, kienu statwi tal-Qalb ta' Ġesù. L-istatwi tiegħu iżjed ifakkruk fix-xogħol ta' l-istatwarju Karlu Darmanin u f'dak tal-Pittur Ġużeppi Calì.

Għalkemm xogħlu jinsab f'diversi rħula Maltin, iżda ftit huma l-istatwi li nafu bejn tajjeb li ħadimhom hu. Xi statwi wieħed jista' jagħrafhom mid-daqqa ta' l-imgħallem, xi ħaġa partikolari li kull artist għandu, għalkemm id-dubju jibqa' xorta waħda. Jekk nibdew minn Ħal Balzan, raħal twelidu, insibu li għamel in-niċċa tal-Madonna ta' l-Abbandunati li qiegħda ħdejn Villa Macedonia. In-niċċa twaqqfet mill-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia, u li fiha Muscat kien marbut li jagħmel kopja eżatta tal-kwadru titulari li hemm fil-knisja tal-Wardija, iddedikata lill-Madonna taħt dan it-titlu, u li hi proprjetà ta' familja tal-Konti. Permezz ta' din in-niċċa l-Konti xtaq idaħħal id-devozzjoni lejn il-Madonna f'Ħal Balzan. Statwa oħra tiegħu hi dik ta' San Pawl, li nsibu fuq il-bieb tal-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija fi Triq San Franġisk. Bħax-xogħol l-ieħor kollu din ukoll hi statwa dettaljata ħafna. Xogħol ieħor tiegħu nsibuh mal-ħajt ta' Dar Nru. 162 fi Triq il-Kbira, fejn naraw niċċa li fiha medaljun li jirrappreżenta lill-Madonna bil-Bambin. Din ix-xbieha tpoġġiet hemm biex tfakkar li fiż-żmien kien hemm knisja żgħira ddedikata lit-twelid tal-Madonna, magħrufa bħala tal-Vitorja, u li ġġarrfet wara nofs is-seklu 17.[7] Niċċa oħra li aktarx għamel hu hi dik tal-Kurċifiss fuq Dar Nru. 45 fi Triq it-Tliet Knejjes. Meta wieħed jifliha sewwa jinduna li għandha l-istess disinn u xogħol bħan-niċċa ta' San Pawl li hemm fuq il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani, u għalhekk tiġi attribwita lilu.[8] Muscat ħadem ukoll erba' anġli li hemm fil-pilastri ta' l-artal maġġur, tal-kappella tal-kunvent tal-Bon Pastur f'Ħal Balzan.

F'Ħal Luqa, Muscat għamel l-istatwa ta' Sant'Andrija li qiegħda f'niċċa fil-faċċata tal-każin tal-Banda, li jinsab fil-pjazza tal-ġenb tal-knisja. Għax l-istatwa qiegħda fil-għoli wieħed ma jistax japprezza x-xogħol fin ta' skultura li fiha.[9] F'Ħal Għaxaq hemm riliev sabiħ li jirrappreżenta l-magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan fuq Dar Nru. 1, fi Triq il-Gudja. Xogħlijiet oħra tiegħu huma xi statwi fl-Iskola tas-Subien San Ġużepp f'Santa Venera,[10] u statwi fis-Santwarju tal-Madonna tal-Minsija f'San Ġwann. Għaċ-ċimiterju tan-Naxxar, hu ħadem l-istatwa sabiħa tal-Qalb ta' Ġesù li saret wara li dik li kien hemm, tkissret fl-1936 meta splodiet kamra tan-nar li kienet fil-viċin.[11]

Rafel Bonniċi Calì jattribwixxi lil Wiġi, xi statwi tal-Qalb ta' Ġesù li hemm fit-toroq tal-Ħamrun u l-Marsa. Biss l-unika statwa tal-Qalb ta' Ġesù li hemm fil-Ħamrun hi dik li tinsab fil-kantuniera ta' bejn Triq San Franġisk u Triq il-Ġdida, waqt li fil-Marsa nsibu mat-tmien statwi tal-Qalb ta' Ġesù, b'hekk mhux faċli li tagħraf eżatt liema huma maħduma minnu. Barra dan, fi Triq Annibale Preca f'Ħal Lija hemm żewġ xbiħat tal-ġebel tal-Qalb ta' Ġesù, u li dik mogħtija l-indulġenzi fl-1920 aktarx li hi xogħol ta' Muscat. Fil-Mosta wkoll insibu statwa ta' Santa Marija fit-triq ta' l-Imġarr, li għax-xogħol dettaljat li fiha aktarx għamilha Wiġi.[12] Xogħlijiet oħra tiegħu jinsabu fiċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, fil-knisja tat-Tereżjani f'Birkirkara, kif ukoll żewġ satwi ta' Sant'Elena li jinsabu fuq bjut ta' djar privati f'Birkirkara, u xogħol ieħor ġol-Belt Valletta, u



*Biċċa xogħol oħra ta' l-iskultur Wiġi Muscat niċċa bil-kurċifiss ġo fiha. Din in-niċċa tinsab fi Sqaq Numru 2 fi Triq it-Tliet Knejjes.*

f'Ħad-Dingli. Barra minn Malta hu għandu xogħol fil-Greċja u fl-Ingilterra.[13]

Barra statwi, Wiġi Muscat iddisinja u ħadem il-fonti tal-magħmudija għall-knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema. Dan inħadem ta' malajr mill-ġebel għax minħabba l-Ewwel Gwerra Dinjija kienet ħaġa diffiċli li jsir ta' l-irħam. Dan tqiegħed fil-knisja nhar it-22 ta' Settembru, 1918 fl-okkażjoni ta' meta l-knisja saret parroċċa fit-18 ta' Lulju 1918. Aktar tard dan inbidel ma' ieħor ta' l-irħam, xogħol tal-Marmista Giuseppe Buhagiar, l-istess fuq id-disinn ta' Muscat iżda b'xi tibdil biex jonqsu l-ispejjeż. Bħala disinn il-fonti hu magħmul minn bażi ta' sitt kolonni kaħlanin u ħawt ta' irħam abjad u fuqu hemm il-koppletta ta' njam skolpit. Dan kien tbierek nhar il-15 ta' April, 1922.[14]

Il-ħila artistika ta' Wiġi qalgħet bosta diplomi f'wirjiet li kien jieħu sehem fihom, fosthom ċertifikat ta' mertu għal xogħol ta' skultura fil-ġebla Maltija mis-Soċjetà ta' l-Arti Manifattura u Kummerċ fl-1925, kif ukoll żewġ medalji, waħda tal-bronż u l-oħra tal-fidda meta ħa sehem fil-*British Empire Exhibition*, li saret f'Londra fl-1924. Ix-xogħlijiet li esebixxa kienu basso riljev tal-Bon Pastur qed iħabbat bieb, statwa li tirrappreżenta r-rebbiegħa, u statwa oħra ta' mara nuda mimduda, li biha xtaq jispjega l-anatomija tal-figura.[15]

Luigi Muscat kien miżżewweġ lil Mariana née Demicoli u kienu joqogħdu f'Nru. 63 Triq il-Kbira f'Ħal Balzan fejn ukoll kellu l-ħanut tax-xogħol.[16] Hu miet f'Ħal Balzan it-Tnejn 19 ta' Marzu, 1945 fl-għomor ta' 53 sena, wara marda qasira u ġie midfun fil-knisja ta' Ħal Balzan stess.[17]

© A. Camilleri 2007

1 *Leħen is-Sewwa*, (LIS), 10/07/1982, p.5.
2 *Ibid.*
3 *Ħal Balzan*, Nov/Diċ 1974, p.4.
4 LIS, 07/04/1945, p.5.
5 LIS, 10/07/1982, p.5.
6 LIS, 07/04/1945, p.5.
7 J. Dimech, *Ħal Balzan, Ġrajjietu sa l-1999*, Kunsill Lokali, Balzan, 2004.
8 T. Terribile, *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin*, Kullana Kulturali, PIN 2000 p.71.
9 Waqt li fil-ktieb ta' T. Terribile, *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin* p.120 jgħid li din saret minn Muscat, fil-ktieb *L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex* Vol. 2, p.222, insibu li din l-istatwa saret minn Alfred Camilleri Cauchi u nkixfet fil-5 ta' Lulju, 1974.
10 *E. Fiorentino, L.A. Grasso, Giuseppe Calì (1846-1930)*, Said International, 1991.
11 Programm Festa Marija Bambina Naxxar 1996 p.75.
12 T. Terribile, *Statwi u Niċeċ fil-Gżejjer Maltin*, p.137.
13 *Ħal Balzan*, Nov/Diċ 1974, p.4.
14 P. Ġużeppi Vella, *Il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor Tas-Sliema*, Malta, 1993.
15 *Ħal Balzan*, Nov/Diċ 1974.
16 MGG, 30/06/1939 p.IV.
17 LIS, 07/04/1945, p.5.